**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**L-Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 268/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**MATTHEW SCICLUNA**
**I.D. 135892 (M)**

**Illum, 25 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MATTHEW SCICLUNA** imwieled fil-5 ta' Marzu tal-1992, bin Joseph u Rita nee' Farrugia, residenti f' no 45, "Our Lady of Herba," Triq Guze Borg, San Gwann detentur tal-karta ta' l-identita' numru (135892M) tressaq quddiemha akkuzat talli:

(1) Fit-2 ta' Mejju 2013, ghall-habta tal-10.45 gewwa l-By Pass ta' Santa Venera;

(2) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ronald Ellul, skond kif iccertifika Dr. Paul Zammit M.D. Reg- 3742 mill-M.D.H.

(3) U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vettura nru. EGY 063, u nvolontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' John's Garage Ltd.

(4) U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru. EGY 063 u nvolontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Victor Bruno.

(5) U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara nvolontarja fuq 'crash barrier' ghad-dannu tad-Dipartiment tat-Toroq.

Rat l-affidavit ta' WPS 224 Suzanne Mifsud nhar il-31 ta' Lulju, 2013 fejn iddikjarat illi nhar it-2 ta' Mejju, 2013 ghall-habta ta' 22.50, waqt li hi kienet xoghol gewwa l-ghassa tal-Hamrun, giet infurmata minn *control room* li hekk kif tohrog minn gol-mini ta' Santa Venera direzzjoni lejn il-Marsa kien hemm kolluzzjoni bil-feruti.

Hi marret fuq il-post fejn irrizulta li fl-incident kienu nvoluti tlett vetturi numri ta' registrazzjoni IBP 038, EBD 389 u EGY 063. Fejn ix-xufiera tal- vetturi IBP 038 (Matthew Scicluna) u EGY (Ronald Ellul) assistiti mill-paramedici, gew mittiehda permezz ta' ambulanza gewwa l-isptar Mater Dei ghall-kura medika.

Fuq il-post irrizulta li waqt li l-vettura numru IBP 038 kienet qed tinstaq minn Matthew Scicluna mill-Marsa direzzjoni lejn l-Imsida, l-istess vettura qabdet *ic-central strip* (fejn gew innutati xi marki tat-tyres) baqghet diehla gol-*crash barrier*, qabzet in-naha l-ohra tat-triq u habtet ma' vettura numru EGY 063 li kienet gejja direzzjoni opposta minn Santa Venera direzzjoni lejn il-Marsa, b'konsegwenza li bid-daqqa l-vettura numru EGY 063 li kienet qed tinstaq minn Ronald Ellul dahlet go parti minn hajt ta' ghalqa li tinsab mat-triq b'konsegwenza li dik il-parti tal-hajt waqghet ghad-detriment ta' sid l-ghalqa John Mary Caruana (fejn gie osservat il-*hup cup* tal-vettura EGY 063 taht wiehed mill-knatan li waqghu. Irrizulta wkoll li l-vettura numru EBD 389 li kienet qed tinstaq minn Victor Bruno fl-istess direzzjoni tal-vettura IBP 038 giet milquta bit-tyre ta' l-istess vettura numru IBP 038, fejn il-vettura numru EBD 389 garrbet xi hsarat fuq il-*bonnet, bumper* ta' quddiem, fuq il-mudguard ta' quddiem tan-naha tal-lemin u fuq il-bieba tax-xufier.

Il-By-pass ta' Santa Venera giet maghluqa ghat-traffiku sakemm eventwalment inghatat il-'*go ahead'* mill-isptar li z-zewg xufiera ma kinux jinstabu fil-periklu tal-mewt.

Fuq il-post gie mitkellem Victor Bruno x-xufier tal-vettura numru EBD 389, fejn stqarr li l-vettura numru IBP 038 qabzitu, daret xi xewg dawriet, qabdet ic-*central strip,* dar u waqaf fuq il-post fejn indika fejn kienet tinsab il-vettura

numru IBP 038 (fuq il-*crash barriers*), fejn il-vettura tieghu numru EBD 389 giet milquta bir-rota tal-vettura IBP 038.

Ittiehed sketch tal-vetturi fuq il-post. Aktar tard Dr. Paul Zammit numru tar-registru mediku 3242 informa li l-pazjent tieghu Ronald Ellul ma kienx jinsab fil-periklu tal-mewt u ftit tal-hin wara Dr. Jeffrey Bonnici numru ta' registrazzjoni mediku 3214 nforma li l-pazjent tieghu Matthew Scicluna ma kienx jinsab fil-periklu tal-mewt.

B'hekk gew imnehhija z-zewg vetturi permezz ta' *Tow truck* privat, kif ukoll gew imsejjha membri tal-protezzjoni civili LARO John Azzopardi u ARO Frans Similiana mit-taqsima tat-tifi tan-nar ta' Kordin fejn tefghu materjal fuq il-likwidu li hareg miz-zewg vetturi kawza tal-incident u l-imsemmija triq giet miftuha ghat-traffiku.

Il-Perit David Vassallo minn Transport Malta gie nfurmat bil-hsara fuq ic-*central strip,* kif ukoll fuq il-*crash barrier* permezz ta' email.

Ronald Ellul gie mibghut id-dar, filwaqt li Matthew Scicluna nzamm gewwa l-*Observation Ward* (Mater Dei).

Matthew Scicluna x-xufier tal-vettura numru IBP 038, meta gie mitkellem stqarr li kien qed isuq fil-karreggata ta' gewwa, qaleb il-karreggata (mar fuq ta' barra) sabiex jaqbez vettura u ma jafx aktar x'gara wara.

Matthew Scicluna gie ccertifikat minn Dr. Jeffrey Bonnici li kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa, filwaqt li Ronald Ellul gie iccertifikat minn Dr. Paul Zammit li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi, liema certifikat mediku jinsab anness ma' l-affidavit.

Meta gie mitkellem Ronald Ellul stqarr li waqt li kien qed isuq go Santa Venera by-pass direzzjoni lejn il-Marsa, f'daqqa hassa daqqa kbira minn quddiem gol-vettura u bid-daqqa dahal gol-hajt u hargu l-*airbags* tal-vettura li kien qed isuq.

**Ronald Ellul** xehed nhar l-20 ta' Dicembru, 2017 fejn qal illi jiftakar illi hu kien ghaddej mill-by-pass ta' Santa Venera u kien hiereg minn taht il-mini, u kien sejjer direzzjoni tal-Marsa u dana kien ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl u din kienet gurnata f'Mejju, haseb li dan kien ilu xi erba' snin. Qal li hu dak iz-zmien kellu Peugeot, pero' f'dak il-waqt iz-zmien tax-xhieda kien nesa' n-numru tieghu u f'daqqa u l-hin sema hoss kbir u hareg kollu dmija mill-karozza tieghu.

Mistoqsi mill-Qorti minn fejn giet id-daqqa, jekk hux minn wara jew la genbha, jew minn quddiem, qal li lanqas jaf minn fejn giet id-daqqa. Sostna li l-probbabilta' minn quddiem ghaliex l-impatt gie minn quddiem. Hu fl-ebda hin ma rah gej ghal fuqu. Jaf illi min habat go fih kien qed isuq karozza tal-ghamla Suzuki. Sostna li dak il-hin kien wahdu fil-karozza. Mistoqsi jekk min habat go fih kienx wahdu jekk le, qal li ma jafx.

Spicca li kellu 18 –il punt f'rasu, kellu ugiegh kbir fi spalltu tan-naha tal-lemin u ma setax idawwar ghonqu u jaf ukoll li spicca mar ghand tabib. Jiftakar ukoll li kien gie ezaminat mill-Ortopediku Mr. Alex Sultana u jiftakar li kien hejja rapport ukoll dwar il-griehi li huwa sofra. Mistoqsi jekk kienx hemm karozzi ohra nvoluti f'dan l-incident qal li ma jafx.

**WPS 224 Suzanne Mifsud** xehdet nhar l-20 ta' Dicembru, fejn qalet li hi taf li kienet gia rrilaxxat affidavit fil-31 ta' Lulju, 2013, liema affidavit jinsab

inserit fl-atti u kkonfermat il-kontenut tieghu. Hija rat ukoll il-*full road traffic accident report* esebit f'dawn l-atti u qalet li hi kienet l-Ufficjal investigattiv f'dan il-kaz li hejjiet din l-okkorenza. Hija kkonfermat il-kontenut ta' din l-okkorrenza u ffirmat l-istess fil-prezenza tal-Qorti.

**Victor Bruno** xehed nhar is-26 ta' April, bil-gurament quddiem l-imputat fejn qal illi xi hames snin ilu hu kien gej lura mill-*airport* u dana filghaxija, jahseb li kien ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija. Qabel ma kien diehel fil-mina ta' Santa Venera giet karozza, qabzitu u marret *wrong side* fuq in-naha l-ohra. Il-karozza taghha, ir-rota taghha nqalghat u giet fuq il-karozza tieghu. Il-vettura tieghu hija tal-ghamla *Avella*. Qal illi ma jiftakarx in-numru ghax kien nehhieha. Din il-karozza kienet irregistrata fuqhu.

Qal illi s-sewwieq tal-karozza l-ohra li mar *wrong side*, huwa l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla. Hu imbaghad inghata s-somma ta' seba' mitt ewro (€700) minghand l-insurance ghall-vettura tieghu. Qal li hu kien sejjer fid-direzzjoni ta' Santa Venera. Il-vettura li qalatu giet mix-xellug tieghu. Ma jafx liema direzzjoni kienet sejra jekk hux lejn Hal Qormi jew Santa Venera. Qal li l-imputat spicca fuq il-barrier f'nofs it-triq fuq il-hadid li hemm.

**Raymond Farrugia** xehed nhar is-26 ta' April, 2018 fejn sostna illi huwa jahdem gewwa *John's Garage* u jiftakar li dakinhar hu u huh kienu qeghdin jahdmu l-ufficcju tard. Jaf li f'xi hin ircevew telefonata li kien hemm accident u dan ghaliex wahda mill-karozzi taghhom kienet gejja minn Santa Venera sejra fid-direzzjoni lejn l-*airport* u din il-vettura hija ghandha n-numru tar-registrazzjoni EGY-063 u hija rregistrata f'isem John's Garage. Qal li l-karozza li kienet gejja fuq in-naha l-ohra tat-triq, jaf li kien hemm qisu speci ta' cint f'nofs ta' triq peress li t-triq hija telgha, l-vettura qabzitha, gholiet u giet fuq il-karozza taghhom u l-vettura taghhom giet *total loss.* Hu

ma kienx qed isuq il-karozza taghhom u l-incident ma rahx isehh. Qabel fejn jibda l-barrier hemm speci ta' rampa ckejkna f'din it-triq. Il-vettura li spiccat fuq il-karozza taghhom qabzet ir-rampa u spiccat fuq il-vettura taghhom. Mistoqsi jekk thallashux tad-danni qal li ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb.

**Nicholas Baldacchino** xehed nhar is-26 ta' April, 2018 fejn qal li huwa kien qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza ta' *Roads Division, Transport Malta*. Qal illi huwa jista' jitkellem biss dwar il-file tal-hsarat, u li fuq dan il-kaz jidher li hemm hsarat estensivi fuq cint u dan ic-cint kien gewwa Santa Venera, Triq il-By-pass. Jaf li saru tiswijiet. Qal li r-ritratti mehuda minnhom gew mehuda fit-3 ta' Mejju 2013, waqt li r-rapport tal-pulizija dahal lejliet, 2 ta' Mejju. Skont ir-rapport li sar mill-pulizija din il-hsara giet ikkagunata b'incident. Pero' jaf li insegwitu l-kont gie mghoddi lil Matthew Scicluna ta' 45, 'Our Lady of Herba', Triq Guze' Borg, San Gwann biex ihallas is-somma ta' hames mija tlieta u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€573.26). Ghall-bidu ma hallasx pero' mbaghad jaf li hallas fis-7 ta' Mejju tas-sena elfejn u 2014. Esebixxa kopja tar-ritratti relatati ma' din il-hsara u kif ukoll tal-ircevuta. Dawn gew mmarkati bhala dokument NB.

**Matthew Scicluna** kien ta l-versjoni tieghu lill-Ufficcjal Investigattiv kif jirrizulta mill-okkorrenza relattiva u esebita fl-atti u qal li kien qed isuq fil-karreggjata ta' gewwa, qaleb il-karreggjata (mar fuq barra) sabeix jaqbez vettura u ma jafx x'gara wara.

Illi l-istess imputat xehed nhar il-31 ta' Mejju, 2018 minn jeddu u b'mod volontarju fejn qal illi jiftakar illi hu kien gej minn naha tal-Marsa sejjer lejn l-Imdina fuq ir-Regional Road u dan kien ghall-habta tal-ghaxra u nofs, il-hdax neqsin kwart ta' filghaxija. Qal illi dakinhar ukoll kienet naqra xita. Qal li bhala velocita' kellu xi sittin kilometru fis-siegha u

qabel l-incident hu kien ghaddej fuq in-naha ta' gewwa tat-triq. Kien hemm karozza ohra miexja 'l quddiemu bil-mod. Huwa ghamel l-*indicator* biex jissorpassa din il-karozza li kien hemm quddiemu. Dak il-hin jaf li skidjatlu l-karozza, kien hemm rampa, baqgha tiela' maghha u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq. Zied jghid li kienet gejja karozza mid-direzzjoni opposta u hu dahal go fiha. Qal li pero' l-vettura li kien hemm quddiemu qabizha fuq in-naha tal-lemin. Esebixxa ritratt fejn jindika r-rampa u qal li effettivament din hija l-istess rampa li kien tiela'. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dokument CSH. Ir-rampa li ghamel referenza ghaliha hija fil-fatt ic-*central strip*. Sostna li l-karozza tieghu waqfet propju fuq ic-*central strip*. Mistoqsi kif hareg mill-vettura, qal li effetivament huwa hareg wahdu u li x-xena kienet wahda tali. Qal li warajh kien hemm karozza li baqgha mwaqqa' fuqha, cioe' dik li effettivament kienet gejja mid-direzzjoni opposta tieghu, u bejn il-karozza fejn waqfet tieghu u dik li effettivament spiccat bil-hajt fuqha kien hemm distanza konsiderevoli. Huwa waqaf ezatt mal-impatt tac-*central strip*. Qal li l-vettura tieghu ma seta' jikkontrollaha b'xejn u li marret fil-genb. Qal li hu fil-fatt kien irergistra *claim mal-insurance*. Qal li fil-fatt kien kopert bil-polza *comprehensive fully*. Mistoqsi jekk effettivament l-ohrajn thallsux jew le, qal illi ma jafx. Qal li appena huwa qabez il-karozza, skiddja minnufih tela' r-rampa.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dana fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2018 meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta,

ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (5 ta' Dicembru, 1997) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et** gie ritenut li:

"*Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*."

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

"*it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*."

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi f'din il-kawza il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat saq il-vettura tieghu numru ta' registrazjoni IBP 038 fil-By-passa ta' Santa Venera nhar it-2 ta' Mejju, 2013 ghall-habta tal-10.45 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz u bhala rizultat ikkawza danni involontarji fuq vettura misjuqa minn Victor Bruno numru ta' registrazzjoni EBD 389 u vettura ohra proprjeta tas-socjeta' John Garage Limited. Il-Prosekuzzjoni qed takkuza ukoll lill-imputat li kkawza xi hsara fuq '*crash barrier'* u dan ghad-dannu tad-Ddipartiment tat-Toroq.

Min naha tieghu l-imputat ma jichadx li in efffetti grat din il-hsara li qed tigi reklamata pero' jghid li din saret bhala rizultat ta' casus ghaliex

huwa kien skiddja u spicca fuq in-naha zbaljata tat-triq u cioe' fil-karreggjata opposta ta' fejn kien sejjer u spicca dahal fil-vettura li kienet misjuqa minn Ronald Ellul u fil-process inqalghala xi rota li dahlet fil-vettura ta' Victor Bruno li ukoll sofra danni involontarji.

Fil-waqt li l-imputat jghid li dak li gralu kien kagun ta' casus il-Prosekuzzjoni tghid li l-hsara giet kagunata minhabba s-sewqan bla kont, negligenti u perikoluz ta' l-imputat li ma zammx *proper look out* fit-triq minhabba s-sewqan perikoluz tieghu.

Bhala fatt jirrizulta li dak in-nhar kien hemm ftit xita u kien hemm l-irxiex u t-triq kienet imxarba. Jirrizulta li in effetti huwa minnu li l-imputat kien hiereg minn taht mina direzzjoni minn Marsa sejjer lejn Santa Venera, qabez karozza u fil-pront spicca fil-karreggjata zbaljata u cioe' dik opposta minn dik li kien intenzjonat jiehu.

Illi l-imputat qajjem id-difiza tal-*"casus"* u dan peress li l-incident sehh ghaliex huwa skiddja minhabba t-temp u cioe' l-irxiex li kien hemm mal-art. Din hi r-raguni li l-imputat jghati fix-xhieda il-ghala huwa tilef il-kontroll effettiv tal-vettura.

Jinghad li apparti ghall-ewwel akkuza, l-imputat huwa akkuzat b'reati involontarji u ghalhekk in kwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba, din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE**[1]**:**

"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti*

[1] 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv. 870, 903

*generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir fil-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal- "bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione*" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46).

F'dan l-istadju issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** [2] li kien kaz li jirrigwarda incident stradali, il-principji hemmhekk enuncjati xorta jsibu applikazzjoni ghall-procediment odjern:

"*Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tarregolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha".*

Sabiex tipprova dan, il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate.* Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-

[2] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010, Nru 753/2006 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Bonnici** (27.010.2016), u **Il-Pulizija vs Rudolph Gatt** (03.02.2016), it-tnejn per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli.

Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "*L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto*".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' feriti gravi involontarji. L-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ..."*

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;
2. kkaguna l-mewt;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu, 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"*Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew*

*konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*"

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu Teoria delle Obbligazione – 1127 pagna 46 jghid:-

"*La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione*".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo;
3. la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-**

**Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru, 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali). [sottolinejar tal-Qorti].

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat?

Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill- Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-feriti gravi tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru, 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**[3]:

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni,*

[3] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras,
25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

*jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".*

Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere.[4]"

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*[5]".

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… *kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali*".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

[4] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.
[5] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[6] u kif jghid Antolisei, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[7]87 U kif insibu fin-Novissimo Digesto Italiano, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale
occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[8] Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto[9]".

Skond l-imsemmija sentenza, "Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non osservanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet

---

[6] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).
[7] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[8] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.
[9] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata

ta’ Malta) u l-High Way Code – Motor Vehicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi “The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a ‘reasonable man’ or of an ‘ordinarily prudent man’, meaning thereby a reasonable prudent man: “negligence”, it has been said, “is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do” … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.[10]”

Illi dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali fejn il-persuna ghalkemm ma tkunx tilfet hajjitha, tkun sofriet xi tip ta’ ferita.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar**[11] gie deciz:

"Kif spjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita’ diretta ghal xi fini partikolari tista’ taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza

[10] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.
[11] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, Nru. 107/2004, 20.11.2004, per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, 20.11.2004

teknika – cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

"*Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]"*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta'

regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).

In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "*inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. <u>In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza</u>, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita*."[emfazi ta-Qorti]

U dik il-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:

"*Kif jispjega l-gurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale),Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli l-persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija nnegazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero' l-hsara tkun*

*prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.……Id-definizzjoni tal-Crivellari fil-Codice Penale - Vol III hi bazata fuq l-istess postulati u hi din "la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto*."(pagna 228, para. 32.).

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-nexus li ghandu jezisti bejn l-att u r-rizultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta chain of causation bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista' jirrizulta culpa. Kif gie deciz nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri** per Imhallef Harding li "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist."*

Fil-fatt jkompli jghid:

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations*."

Fil-fatt Maino fil-ktieb tieghu Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286) jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.”*

Illi ghalhekk jekk il-Qorti tanalizza kif in effetti sehh l-incident jirrizulta kif qal l-imputat stess li huwa isorpassa vettura min naha tal-lemin taghha u appena ghamel din il-manuvra spicca fuq rampa u ma jafx kif. Jirrizulta u mhux kontestat li kien hemm xita u t-triq kienet niedja. Hadd mis-sewwieqa ma qal li in effetti l-imputat kien qed isuq b'xi velocita' partikolari jew li in effetti ma kienx kawza fil-manuvri li ghamel. Tant li l-prosekuzzjoni ma harkitx lill-imputat li huwa kien qed jghamel xi manuvra ta' surpass fejn mhux suppost. Jirrizulta li appena spicca fuq il-karreggjata opposta kien hemm vettura li nzertat ghaddejja li giet milquta involontarjament u din del resto dahlet gol-hajt u kkagunat hsara f'dan l-istess hajt. Minkejja li l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat li ghamel hsara f'crash barrier ma jirrizultax li kien hemm xi crash barriers. Jinghad li skond Nicholas Baldacchino rapprezentant tat-Transport Malta l-hsara kienet kagunta fil-hajt u in efffetti l-imputat kien gja ghamel tajjeb ghaliha b'mod civili.

Illi bhala xhieda l-Prosekuzzjoni resqet lil Nicholas Baldacchino jixhed ghan-nom ta' Transport Malta u dan ikkonferma li l-hsara li kkaguna l-imputat fil-hajt gietx imhallsa mill-imputat. Resqet lis-sewwieq tal-vettura EBD 389 u cioe' lil Victor Bruno li qal li l-vettura tieghu giet milquta mit-tyre li tar mill-vettura tal-imputat. Ghalhekk jista jkun li l-imputat fil-fatt spicca fuq ir-rampa ghaliex tilef il-kontrol minhabba li tar tyre? Resqet ukoll lil John Mary Caruana li kkonferma li kellu hsarat fil-hajt tal-gnien tieghu kagunati mill-vettura ta' Ronald Ellul li nzerta li kien ghaddej mit-triq u cioe' milqut mill-imputa.

Minn dzami tal-isketch jirrizulta li fejn sehh l-ispot of impact l-imputat ma ccaqlaqx waqt li Ronald Ellul baqa' jsuq ghal distanza ta' madwar 52 metri li tindika li kien qed isuq bi speed eccessiv.

Illi mill-provi prodotti l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova sabiex tissodisfa lil Qorti li fil-fatt l-imputat kiser ir-regolamenti tat-traffiku jew b'xi mod dak li ghamel kien previst jew prevedibbli.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat **Matthew Scicluna** hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu stante li graw bhala rizultat ta' casus u ghalhekk tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u piena.

In vista tal-fatt li l-Qorti ma sabitx htija fil-konfront tal-imputat qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni biex tiskwalifika lill-imputat mill-licenzji tieghu tas-sewqan.

Dr. Consuelo Scerri Herrera
Magistrat

Deputat Registratur